**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**

**vs**

**Darren Brincat**

**Illum 23 ta' Ġunju 2025**

Il-Qorti,

Rat lil Darren Brincat ta' 36 sena bin Rosario u Emanuela xebba Mercieca mwieled Pieta' nhar il-5 ta' Novembru 1979 u residenti Dar Mark, triq ix-Xitwa Hal Qormi u detentur tal-karta tal-identita numru 521079M.

Akkuzat talli b'diveri atti maghmula minnek fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet u gew amghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' talli nhar il-21 ta' Mejju 2016 ghal habta ta' 14:30hrs

1. Ikkommettejt serq ta' erba (4) batteriji uzati li l-valu taghhom jeccedi l-ewro 232.94 izda ma jeccedix il-ewro 2329.37 ghad-detriment ta' MSDEC Company u jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-valur, il-mezz u x-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli bi hsara tas-sid, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor mhux imsemmi fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'ohra f'dan il-kodici ghad-detriment ta' MSDEC Company u jew entitajiet ohra;

3. Kif ukoll talli bejn il-31 ta' Mejju 2016 u it-13 ta' Gunju 2016 bil-hsieb li taghmel delitt u cioe' serq ta' batteriji uzati li l-valur totali taghhom jeccedi l-232.94 ewro izda ma jeccediex l-2,329.37 ewro, wrejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minn xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu ghad-detriment ta' Heritage Malta u jew entitajiet ohra.

4. U aktar talli bejn il-31 ta' Mejju 2016 u t-13 ta' Gunju 2016 f'xi hin bi hsara tas-sid, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta ta' haddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'ohra f'dan il-kodici ghad-detriment ta' Malta Industrial Park u jew entitajiet ohra;

5. U aktar talli ilqajt ghandek jew xtrajt hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentament b'kull mod iehor li jkun, indhalt biex tbieghhom jew tmexxihom;

6. U aktar talli inqast milli thares il-kundizzjonijiet impost fuqek mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr J. Demicoli LL.D. nhar 19/11/2015.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex titratta mal-imputat bhala wiehed li rrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi fil-Qorti ta' Malta li gew defennitivi u ma jistghux jinbidlu kif pruvat fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 2 ta' Marzu 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioè estratt tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, dok CC1, dok CC2, dok CC3, dok CC4, u sett ta' ritratti dok CC5, dok JD1, dok RS1, dok CC6, dok CC7 u dok CC8, dok POL 1 sa POL 3, dok JV1, dok SOCO 1 sa dok SOCO 35, dok MSDEC 1, dok MSF1, dok LC1 esebieta mid-difiza li hija sentenza fil-konfront tal-imputat rigward is-sitt akkuza, dok APV1, dok HG1, dok HG2, dok MC1, dok RC1, dok RH1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Spettur Chantelle Casha, Jesmond Demanuele, Ray Spiteri, Mario Casha, Justin Vella, PS1257 Conrad Ellul, Matthew Fleri Soler, Adrian Paul Vella, Helenio Galea, Maria Caruana, Rita Cortis, Roberta Holland.

**Ikkunsidrat**

**L-ispettur Chantelle Casha** xehdet u qalet li kien ġie irrapportat li nsterqu erba' batteriji minn trakkijiet li kellhom ipparkjati fil-yard tagħhom. Meta l-pulizija marru fuq il-post gie

innotat li kien hemm actu mal-ħajt ta' dan il-post. Ġew elevati filmati minn CCTV li kien hemm fuq il-post. Meta raw il-filmati deher fil-21 ta' Mejju 2016 vettura tal-għamla Toyota li dehret fuq il-post u irriversjat. Din kellha n-numru ta' reġistrazzjoni DQZ 348 li irriżulta li kienet vettura tal-kiri tas-socjeta Unicar li tinsab ġewwa l-Gzira. Irrizulta li l-vettura kienet mikrija lil Darren Brincat li kien hadha bejn is-16 ta' Mejju 2016 u l-25 ta' mejju 2016. Il-pulizija gew infurmati li fil-vettura meta ġiet lura ghand il-kumpanija kellha riha ta' actu u anki l-istickers li jużaw sabiex jirriklamaw fuqha kienu maqlugha. Il-pulizija ghamlet tfittxija fis-sistema fejn irriżulta li Darren Brincat u seta kien l-istess persuna li deher fil-filmat. Gara li kien dahal rapport iehor u din id-darba kienu insterqu hames batteries minn ġewwa vetturi ghad-danni ta' Heritage Malta sitwati fil-Marsa Shipbuilding. L-imputat kien gie arrestat u interrogat rigward il-kaz. Illi l-imputat fl-istess stqarrija tieghu ma nnegax li huwa kien fuq il-postijiet fejn sehhew is-serqiet iżda ma kienx qal li kien seraq l-oggetti huwa stess. Huwa kien qal li l-batteries kien ġabhom minn Ta' Xbiex u minhabba li kien hbiehom ġewwa Hal Qormi mar jitfahom fil-post tal-kumpanija MSDEC.

Xehed **Jesmond Demanuele** fejn spjega li huwa jahdem mal-kumpanija MSDEC u gie infurmat li ma setghux isuqu t-trakkijiet minhabba li kellhom batteries nieqsa. Kienu sabu erba batteries nieqsa. Huwa esebixxa stima tal-hsarat bhala dok JD1. li hija tabiba fejn ikkonfermat iċ-ċertifikat mediku dok JG 14 fejn inħareġ fil-konfront ta' Marion Grech li kellha ġrieħi ħfief.

Xehed **Ray Spiteri** fejn qal li huwa jahdem mal-Unicar Hire Services fejn huwa kien ikkonferma li kienu krew vettura lill-imputat. Huwa esebixxa il-kuntratt tal-kirja li kienu ghamlu mal-imputat u gie immarkata bhala dok RS1.

Xehed **Mario Casha** fejn qal li huwa jhadem ma' Unicar u jahdel il-vetturi tal-istess kumpanija. Huwa ikkonferma li meta beda biex jahsel il-vettura din kellha riha qawwija ta' kimika fuq wara tal-vettura. Huwa qal li l-actu seta' kien tal-batteries.

Xehdet **l-ispettur Chantelle Casha** fejn esebixxiet diversi sentenzi minn dok CC6 sa dok CC8. Kif ukoll f'seduta ohra s-sentenzi li gew immarkata bhala dok POL1, POL2 u POL 3. Gew esebiti wkoll 35 ritratt bhala dok SOCO1 sa SOCO35.

Xehed **Justin Vella** fejn qal li huwa jaħdem ma' Heritage Malta fejn huwa qal li kien għamel rapport mal-Pulizija minħabba serq ta' batteriji minn ġewwa vetturi u anki kien hemm hsarat fihom. Is-serqa kienet sehhet f'Gunju tas-sena 2016.

Xehed ukoll **PS1257 Conrad Ellul** fejn ikkonferma li kien irċieva rapport ta' serqa li sehh geewa l-eks Malta Shipbuilding minn ġewwa karozzi tal-linja antiki ghad-detriment ta' Heritage Malta. Kienu insterqu erba batteriji li kienu ġewwa dawn il-karozzi tal-linja. Instabu imqass ukoll fuq il-post li ma kienx tal-Heritage Malta. Waslu wkoll pulizija tal-forensika sabiex jiehdu xi ritratti fejn huwa wkoll ikkonferma r-rapport li jinsab a fol 40.

Fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2018 xehed **Justin Vella** fejn esebixxa dokument u gie immarkat bhala dok JV1. Huwa ikkonferma li kien hemm erba batteriji nieqasa u l-valur taghhom kien ta' erbghin ewro l-wahda. Kien hemm xi sgass fil-vetturi in kwistjoni u il-hsara setghu kienu hemm mhux aktar minn gimgha.

Xehed **Jesmond Demanuele** fejn ikkonferma li l-batteries li kienu gew misruqa mill-vetturi tal-MSDEC kienu inxtraw fis-sena 2012. Huwa esebixxa dokument tal-valur tal-oggetti li kienu insterqu bhala dok MSDEC 1.

Xehed **Matthew Fleri Soler** fejn esebixxa social inquiry report immarkata bhala dok MFS1 li jinsab a fol 114.

Xehed **ex PS 947 Adrian Paul Vella** fejn esebixxa kopja tar-rapport li kien ha fit-23 ta' Mejju 2016 li gie immarkat bhala dok APV1 rigward serqa ta' batteriji li kien sehh ġewwa MSDEC li jinsab fl-Ghammieri f'Hal Luqa. L-ahhar li kienu rawhom kien fl-20 ta' Mejju 2016. Meta kien qieghed fuq il-post innota li kien hemm actu mal-art mac-cint. Innota li kien hemm CCTV tal-kumpanija Burner Malta Ltd u kellem lil wiehed Daniel Micallef fejn intalab kopja tal-filmat li gie mghoddi lill-ispettura Chantelle Casha. Fil-filmat ra vettura u persuna jitfa l-batteriji fil-karozza. In-numru tal-vettura ma kienx rahx. Huwa ikkonferma li l-istills li kien hemm li gew mehuda mill-filmat.

Xehed **Helenio Galea** fejn ikkonferma li l-imputat kien qieghed ġewwa l-Facilita Korretiva ta' Kordin u li kellu problema kbira ta' uzu tad-droga. Fil-fatt fil-konfront tieghu kien inghata care plan ghal kura u rijabilatzzjoni. Huwa kien wera x-xewqa li jattendi ghal dan il-pjan ta' kura. Bhala aġir fil-habs kien ikollu hafna iżda kien dan l-ahhar li dawn naqqsu. Urine samples irriżultaw fin-negattiv ghad-droga. Huwa wkoll kien qieghed jiġi segwiet minn Agenziji ohrajn sabiex jarawh ghal programm.

Xehdet **Maria Galea** semmiet li l-imputat kellu diversi kuntatti mal-Caritas sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga li huwa ghandu. Kien hemm avvanzi fil-programm li huwa kien qieghed isegwi dak iz-zmien.

**Rita Cortis** qalet fix-xhieda taghha li hija kellha kuntatt mal-imputat minhabba li hija tahdem ġewwa d-Detox bhala social worker. Il-problema tad-droga tieghu hija wahda akuta hafna tant li kien gie reġistrat l-ewwel darba fis-sena 1998 u kien hemm perijodu li kien qieghed ġewwa l-habs.

Xehedet **Dr Roberta Holland** fejn esebiet rapport li hija hejjiet fuq l-imputat fejn ikkonkludiet li l-imputat għandu storja twila ta' abbuża mid-droga u dan ilhu sejjer missena 1998.

Semghet it-trattazzjoni mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jikkoncerna serq ta' batteriji tat-trakkijiet minn żewġ postijiet. Illi gara li kien sehh rapport minn ġewwa l-Ghammieri li xi hadd kien seraq erba' batteriji tat-trakkijiet. Illi mill-indagini tal-Pulizija, sabu li xi hadd kien dahal u seraq dsawn il-batteriji u fejn kien hemm il-boundary wall instab li kien hemm traċċi ta' actu. Illi instab li kien hemm CCTV u minn hemm hadu l-filmat fejn irriżulta li intużat vettura li kienet mikrija lill-imputat. Illi mill-analazi li saru tal-filmat hareg li deher fih l-imputat. Fil-fatt kien sar rapport iehor li kienu insterqu batteriji minn ġewwa l-eks Malta Shipbuilding fejn kien hemm mahzuna karozzi tal-linja antiki. Kienu ġarrbu wkoll ħsarat fihom. Illi l-imputat ukoll gie akkużat b'din is-serqa.

Illi għalhekk il-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputat jew li taghmel referenza ghas-Sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni talbon sens tieghu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija

minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

**Ikkunsidrat**

Illi ghalhekk wara din l-esposizzjoni legali, mill-fatti u x-xhieda li ghandha quddiema din il-Qorti trid tasal ghal konkluzzjoni jekk fil-fatt l-imputat kienx il-persuna nvoluta f'dawn is-serqiet. Illi dan il-kaz huwa mibni fuq provi indizzjarji u cioe' minn filmat ta' CCTV waslu sabiex tigi identifikata persuna li setghet kienet involuta almenu f'serqa wahda. Illi f'dan il-kaz gie analizat il-filmat fejn skont l-istess ufficjal prosekutur setghet taghraf lil dik il-persuna li tidher bhala l-imputat. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra tifli dawk il-kazijiet ta' serq li qieghed jigi adebitat bihom l-imputat.

Illi qabel din il-Qorti sejra tidhol fil-kazijiet ta' serq li ghandha quddiema illi tajjeb li ssir analizi ta xi gurisprudenza f'pajjizna li dahlu fl-analizi tal-prova cirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analizi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiggudika sabiex jigi stabbilit jekk il-provi cirkostanzjali humiex univoci. Kif gie deciz fl-ismijiet r-Repubblika ta' Malta v George Spiteri deciza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa*

*hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-kaz fl-ismijiet Pulizija vs Paul Grech deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

*'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-kaz Pulizija vs James Abela deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) gie ddikjarat illi:

*"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 gie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Harsa wkoll dak li jghid il-gurista Ingliz, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' taghha qal hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of… (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

**Stqarrija tal-imputat**

Sejra ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**, f'liema kaz fl-istqarrijiet tieghu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien inghata parir minghand l-avukat tieghu li f'dak l-istadju ma jghid xejn lill-pulizija, huwa xorta wahda rrisponda ghad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-rizultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti ghalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm ghall-uzu personali tieghu, kif ukoll sabiex ibiegh minnha lil terzi. Fis-sentenza taghha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti minghajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu:

*"36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali."*

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-kaz, kien inghata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tieghu u anke ezercita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tieghu ma jithallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u dan stante illi ma nghatax il-jedd ghall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tieghu. Din kienet ukoll il-konkluzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza taghha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema kaz dik il-Qorti skartat bhala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, wahda minnhom guramentata, u dan ghaliex ghalkemm hija nghatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet taghha, madankollu hija ma nghatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx ghadu vigenti fiz-zmien in kwistjoni.

F'dan is-sens ukoll iddecidiet l-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** tas-16 ta' Mejju 2019 u izjed ricentement fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro Spiteri** tat-18 ta' Gunju 2019, f'liema kaz, l-imputat kien irrilaxxja stqarrija minghajr il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu u minghajr il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt l-istess interrogatorju.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Dicembru 2018, f'liema kaz l-appellat kien inghata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tieghu u anke ezercitah, izda ma nghatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-kaz, fiz-zmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx vigenti fil-ligi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali regghet irribadiet il-konkluzjonijiet taghha fis-sentenza precedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali et**:

> "*14. Ghalkemm, bhall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju ghadu ma sehh l-ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, madankollu, kif osservat fil-kaz ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx ghaqli li l-process kriminali jithalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat Pistella ladarba din, ghallinqas f'parti minnha, ittiehdet minghajr ma Pistella kellu l-ghajnuna ta' avukat. Ghalhekk, ghalkemm ghadu ma sehh ebda ksur tal-jedd ghal smigh xieraq, fic-cirkostanzi huwa ghaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda uzu mill-istqarrija fil-process kriminali sabiex, meta l-process kriminali jintemm, ma jkunx tnigges b'irregolarità – dik li jkun sar uzu minn stqarrija li ttiehdet minghajr ma l-interrogat kellu l-ghajnuna ta' avukat – li tista' twassal ghal konsegwenzi bhal thassir tal-process kollu.*"

Fil-kaz ta' **Philippe Beuze vs Belgium** deciz mill-*Grand Chamber* tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-9 ta' Novembru 2018, dik il-Qorti regghet adottat il-kriterju tal-*overall fairness of the proceedings* sabiex tistharreg jekk sehhitx o meno lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq. Ghalkemm sabet li f'dan il-kaz sehhet vjolazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, il-Qorti mxiet lil hinn minn dawk id-decizjonijiet li fihom instabet vjolazzjoni tal-imsemmi artikolu la darba kien hemm restrizzjoni sistematika fil-ligi domestika tad-dritt ta' persuna suspettata jew arrestata ta' access ghall-avukat, u ddecidiet illi l-Qorti ghandha dejjem tistharreg ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, tenut kont ta' numru ta' kriterji, mhux ezawrjenti, elenkati fid-decizjoni taghha. Dik il-Qorti qalet hekk fid-decizjoni taghha:

> "*(γ) Relevant factors for the overall fairness assessment*
>
> *150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):*
>
> *(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;*
>
> *(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;*
>
> *(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;*
>
> *(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;*
>
> *(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;*
>
> *(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;*
>
> *(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;*

*(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;*

*(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and*

*(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.*"

F'dak il-kaz, meta l-Qorti Ewropea giet biex tezamina dawn il-kriterji fil-kuntest tac-cirkostanzi li kellha quddiemha, fil-waqt illi sahqet illi kienet qed issib vjolazzjoni tal-Artikolu 6 fid-dawl ta' diversi fatturi mehudha lkoll flimkien u mhux kull fattur meqjus separatament, ikkunsidrat *inter alia* illi fl-istess kaz, ir-restrizzjonijiet fuq id-dritt tal-access ghall-avukat kienu estensivi u dan fis-sens illi l-akkuzat gie interrogat waqt li kien fil-kustodja tal-pulizija minghajr ma qabel inghata l-opportunita` li jkollu avukat prezenti u fil-kors tal-investigazzjoni gudizzjarja li sehhet wara, ma nghatax il-possibilita` li jkun assistit minn avukat, kif lanqas ma nghata dan id-dritt f'atti investigattivi ohrajn sussegwenti. F'dawk ic-cirkostanzi, minghajr ma nghata informazzjoni cara dwar id-dritt tiegħu ghas-silenzju, huwa rrilaxxja stqarrijiet dettaljati u sussegwentement ta wkoll verżjonijiet differenti dwar il-fatti, bir-riżultat illi għamel stqarrijiet, li għalkemm ma kinux inkriminanti fis-sens restrittivi ta' din il-kelma, jeffettwaw sostanzjalment il-posizzjoni tieghu, specjalment fir-rigward ta' akkuza partikolari. Dawn l-stqarrijiet gew ilkoll ikkunsidrati bhala ammissibbli fil-proceduri kontra tieghu. In oltre tali stqarrijiet kellhom rwol importanti fil-proceduri u fir-rigward ta' akkuza minnhom, kienu jiffurmaw parti integrali mill-provi li a bazi taghhom huwa nstab hati.

Fil-kaz deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Paul Anthony Caruana vs Avukat Generali et** nhar il-31 ta' Mejju 2019, l-attur ilmenta minn ksur tal-jedd tiegħu għal smiegh xieraq fid-dawl tal-fatt illi ma nghatax id-dritt tal-aċċess ghall-avukat kemm qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu lill-pulizija kif ukoll waqt l-interrogatorju tieghu, u ghaldaqstant talab lill-Qorti kemm sabiex tiddikjara illi gew lezi d-drittjiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif ukoll sabiex takkorda dawk ir-rimedji effettivi inkluz li tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, li permezz tagħha kien instab hati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' priġunerija.

F'dan il-każ, wara li rreferiet għall-każ ta' **Ibrahim and Others v. United Kingdom** deciż mill-Qorti Ewropea fit-13 ta' Settembru 2016 u kompliet illi allura l-fatt waħdu li persuna ma tkunx tħalliet tingħata l-għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ukoll jekk ma kienx hemm raġunijiet impellenti ghal dan in-nuqqas, ma huwiex bizzejjed biex, *ipso facto*, jinsab ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, iżda wieħed irid iqis il-proċess fit-totalità tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali għamlet referenza wkoll għad-deċiżjoni f'**Beuze v. Belgium** u ghall-kriterji hemmhekk indikati (u fuq citati minn din il-Qorti) li a bazi tagħhom wieħed għandu jezamina l-proċeduri fl-intier taghhom fid-dawl tal-impatt tan-nuqqasijiet proċedurali fl-istadju ta' qabel il-proċeduri. Il-Qorti kompliet hekk dwar l-ilment tal-attur:

> "*20. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjoniiet, l-aggravju tal-attur – safejn ighid illi "l-fatt wahdu illi persuna li tkun instabet hatja ma tkunx thalliet tikkonsulta ma' avukat tal-fiducja taghha fil-mument tal-investigazzjoni u l-ghotja ta' stqarrija lill-pulizija, minhabba restrizzjoni sistematika fil-ligi maltija, awtomatikament ikun ifisser illi saret vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tas-smigh xieraq ta' dik l-istess persuna taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea" – huwa hazin u huwa michud.*
>
> *21. Fil-kaz tallum kien hemm raguni tajba ghala l-attur ma thalliex ikellem avukat qabel jew waqt l-ewwel interrogazzjoni. Ir-raguni hi li kien hemm il-hsieb li ssir controlled delivery lil terza persuna li kienet tipprovdi lill-attur bid-droga, u biex din l-operazzjoni tirnexxi kien mehtieg li l-attur ma jithalla jikkomunika ma' hadd biex ma titwassalx il-kelma lil dan it-terz.*
>
> *...*
>
> *23. L-attur inghata t-twissija li trid il-ligi qabel ma ta l-istqarrija, u ma saret ebda allegazzjoni li l-istqarrija saret fic-cirkostanzi msemmija fl-art. 658 tal-Kodici Kriminali. ... Hlief ghall-fatt li ma kellux avukat dak il-hin, l-attur ma ressaq ebda argument serju kontra l-validità u l-veracità tal-istqarrija.*
>
> *24. Ghandu jinghad ukoll illi l-attur ma nzammx aktar milli kien mehtieg biex tirnexxi l-operazzjoni tal-controlled delivery; dakinhar stess kien mehlus u seta' liberament ikellem avukat.*
>
> *25. Barra minn hekk, l-istqarrija maghmula lill-pulizija ma kinitx ir-raguni li wasslet ghall-kundanna tal-attur: l-attur instab hati mill-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali ghax ammetta l-htija ghal dawk l-akkuzi li ma gewx ritirati. Dan ghamlu fil-prezenza tal-avukat wara li ikkonsulta mieghu u quddiem magistrat li wissih bil-konsegwenzi tal-ammissjoni u tah l-opportunità li jehodha lura.*
>
> *26. Tassew illi l-attur ighid illi kien kondizzjonat bil-fatt li kien gà ta stqarrija lill-pulizija qabel ma ammetta quddiem il-qorti...*

*27. Dan jista' f'certi cirkostanzi jkun fattur relevanti, izda fil-kaz tal-lum l-attur seta' jichad dak li stqarr fl-istqarrija u wkoll, jekk tassew kif qal hu kien fis-sakra meta ghamilha u ghalhekk l-istqarrija ma ghamilhiex "volontarjament", jikkontestaha taht l-art. 658 tal-Kodici Kriminali – seta' sahansitra jirtira l-ammissjoni li ghamel quddiem il-qorti – ghax il-qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, presjeduta minn gudikant togat, kienet taf bizzejjed, fid-dawl tas-sentenza ta' Salduz, li kienet inghatat qabel, li ma kellhiex toqghod fuq l-istqarrija wehedha, aktar u aktar jekk tkun giet irtirata, jekk ma jkunx hemm xiehda ohra li ma thallix dubju dwar il-htija. Bilkemm ghalfejn nghidu wkoll illi l-attur kien inqabad in flagrante, bi kwantità ta' droga fuq il-persuna tieghu u fid-dar fejn kien joqghod.*

*28. Il-qorti aktar temmen illi l-attur ammetta quddiem il-qorti mhux għax kondizzjonat bl-istqarrija li kien ta izda ghax kien jaf bix-xiehda l-ohra kontrieh u biex jiehu l-beneficcju, li fil-fatt inghata, taht l-art. 29 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi [Kap. 101]."*

Illi din il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Appell kriminal fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Catania deċiża fil-5 ta' Jannar 2023 fejn intqal hekk:

*"Din il-Qorti filwaqt li bl-ebda mod ma hija tiddikjara li l-istqarrija rilaxxata mill-appellat hija leziva tad-drittijiet tal-akkużat, tqis izda li in vista tal-fatt li il-Qrati għadhom sal-lum il-ġurnata jagħtu direzzjonijiet differenti dwar l-użu li għandu jsir minnha stqarrija rilaxxata fiz-zmien meta akkużat ma kellux jedd ikollu Avukat prezenti, fl-interess tal-ġustizzja u l-integrita' tal-process, ghandha tiddikjara l-istqarrijiet rilaxxati mill-appellat George Catania u li jinsabu a fol 34 et sequitur tal-atti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja bħala inamissibbli u għalhekk taqbel mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti meta din sfilzat l-istess stqarrijiet u meta waslet għad-deċiżjoni tagħha ma kkunsidratx kwalunkwe referenza ghall-istess stqarrijiet."*

Illi mill-insenjament ta' dawn il-brani ta' sentenzi hawn fuq imsemmija, din il-Qorti tara li l-istqarrija meħuda fiż-żmien meta kien ġie arrestat l-imputat għandha tiġi meqjusa bħala inammissibbli. Illi għalhekk il-Qorti sabiex tara jekk hemmx ħtija o meno, trid tifli provi oħra dwar il-każ.

**Ikkunsidrat**

Illi għalhekk din il-Qorti sejra tibda tanalizza kemm minn dak li ħareġ mill-filmat tas-CCTV kif ukoll mill-provi oħrajn sabiex tara jekk l-imputat kienx involut f'dawn is-serqiet li huwa qiegħed jiġi addebitat lilhu. Illi f'dan il-każ il-Pulizija esebew filmat tas-CCTV u minnhom ġew esebieti stills. Illi f'dan il-każ il-Pulizija ma talbux sabiex issir analiżi minn espert tal-Qorti sabiex jifli u jirrelata dak li huwa jkun ikkonstata mill-filmat. Illi di piu'

hadd ma tressaq sabiex jixhed li dan il-filmat kien ġie mehud minn xi post partikolari u wara mgħoddi lil Pulizija. Kull ma kien hemm kien li s-surġent tal-Pulizija eleva dan il-filmat u għaddieh lill-istess Spettura sabiex tinvestiga. Ma kien hemm ebda prova oħra minn fejn inġib u lanqas ma nġiebet il-persuna li ħadet dawn l-istills u għamlet l-analizi fuqhu. Illi għalkemm jekk ikun il-każ, il-Qorti rat dawn l-istills ma tistax tasal ghal konklużjoni li kien l-imputat li ha u daħal ġewwa l-post fejn insterqu dawn il-batteriji. Illi lanqas ma kien hemm prova li jista' jwassal mingħajr ombra ta' dubbju li l-imputat daħal u ha dawn il-batteriji minn dak li rat. Ma kien hemm ebda konferma li hemm jidhru xi batteriji u mhux ix-xogħol tal-Qorti li toqgħod tara minn dawn ir-ritratti kienux batteriji jew xi haġa oħra. Huwa d-dover tal-prosekuzzjoni li tressaq din il-prova. Illi wkoll il-prosekuzzjoni ġabet prova li l-vettura kienet fil-viċinanzi u kienet ġiet mikrija lill-istess imputat u din wahedha din il-Qorti ma tistax tkun ċerta li kien l-imputat li daħal ġewwa u għabba dawn il-batteriji fiha. Illi anki mill-istess xhieda li ngħatat mill-ħaddiema tal-UNICAR ma setgħux jgħidu jekk kienx actu jew le u lanqas ma għandhom dik il-fakultà li jgħidu eżatt x'seta' kien u lanqas li jekk kien il-każ ma jistgħux ikunu fiċ-ċert li kienu tat-tip tal-batteriji li kienu insterqu. Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputat li seraq dawn il-batteriji.

Illi għalkemm huwa wkoll ġie mixli li seraq batteriji wkoll għad-detriment ta' Heritage Malta, ukoll hawn il-prosekuzzjoni naqset milli tressaq dik il-prova li kien l-imputat. Illi jekk kien il-każ li l-prosekuzzjoni kienet qegħda tisrieh fuq l-istqarrija dan diġà ġiet meqjusa li ma kenitx ammissibli u għalhekk kwalunkwe haġa li seta' qal fuq il-każ ma tistax tintuża bħala prova kontra tiegħu. Illi għalhekk anki f'din l-akkuża din il-Qorti rat li ma tressqet l-ebda prova sabiex jiġi stabbiliet li kien

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 41 (1)(a), 49, 50, 267, 284, 289, 340(d), 533 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qegħda ssib lill-imputat Darren Brincat mhux hati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għaldaqstant tilliberah mill-akkużi kif dedotti.**

**Dr Caroline Farrugia Frendo**

**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**